



Brussell, 24 ta' Marzu 2026
(OR. en)

6970/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0065(NLE)

LIMITE

COEST 189

COSCE 11

RELEX 312

JAI 288

COJUR 13

COPEN 77

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni li
Tistabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni
li Tistabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' [data] (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Fis-16 ta' Diċembru 2025, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2655², il-Kummissjoni ffirmat, f'isem l-Unjoni, il-Konvenzjoni li Tistabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna (il- "Konvenzjoni" tal-"Kummissjoni għat-Talbiet"), soġġetta għall-konklużjoni tagħha. Il-Kummissjoni ffirmat ukoll, f'isem l-Unjoni, l-Att Finali tal-Konferenza Diplomatika għall-adozzjoni tal-Konvenzjoni, li saret f'The Hague fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2025 (il-"Konferenza Diplomatika") u approvat l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni li tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa għall-bidu tal-funzjonijiet tal-Kummissjoni għat-Talbiet stabbilita bil-Konvenzjoni (il-"Kummissjoni għat-Talbiet") u t-twettiq tal-mandat tagħha.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2655 tas-16 ta' Diċembru 2025 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni li Tistabbilixxi l-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna ĠU L, 2025/2655, 23.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2655/oj>.

- (2) Il-Konvenzjoni tinnota li l-Kummissjoni għat-Talbiet tikkostitwixxi t-tieni komponent ta' mekkaniżmu internazzjonali ta' kumpens, u li l-Kummissjoni għat-Talbiet għandha tiegħu post ir-Reġistru tad-Danni, stabbilit bir-riżoluzzjoni CM/Res(2023)3 li tistabbilixxi l-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni kkawżati mill-Aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fit-12 ta' Mejju 2023 (ir-“Reġistru tad-Danni”). Il-ħidma tar-Reġistru tad-Danni se tiġi ttrasferita lill-Kummissjoni għat-Talbiet mill-aktar fis wara l-istabbiliment ta' din tal-aħħar. Il-Konvenzjoni tinnota wkoll li t-tielet komponent ta' dak il-mekkaniżmu internazzjonali ta' kumpens jista' jinkludi wkoll fil-futur fond għall-kumpens li jkollu l-mandat li jħallas kumpens għal ħsara, telf, jew dannu kkawżati mill-atti illeċiti fuq livell internazzjonali tal-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna jew kontriha.
- (3) Skont l-Artikolu 30 tal-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni hija miftuħa għar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni mill-Istati Membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa, mill-Unjoni, minn kwalunkwe Stati oħra li pparteċipaw fil-Konferenza Diplomatika, u minn kwalunkwe Stati oħra li vvota favur ir-Riżoluzzjoni A/RES/ES-11/5 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU. Skont l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni, huwa possibbli li Stati u organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni reġjonali oħra jiġu mistiedna jaderixxu mal-Konvenzjoni wara d-dħul fis-seħħ tagħha.

- (4) L-Unjoni tibqa' impenjata bis-sħiħ li tiżgura li l-Federazzjoni Russa ġgħorr il-konsegwenzi legali tal-atti illeċiti fuq livell internazzjonali tagħha kontra l-Ukrajna inkluż l-obbligu li tagħmel riparazzjoni għal kwalunkwe ħsara, telf jew dannu ikkawżat minn dawk l-atti. Għalhekk jenħtieġ li l-Konvenzjoni tiġi approvata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni li Tistabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna hija b'dan approvata^{3*}.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha⁴.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

³ It-test tal-Konvenzjoni huwa ppubblikat fil- [daħħal ir-referenza tal-ĠU].

* Delegazzjonijiet/ĠU: ara d-dokumenti ST 15500/25 u ST 5833/26.

⁴ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ser tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.